MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2012

Numru 1078/2010

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri u Spettur Anne Marie Micallef)

vs

Jonathan Bugeja

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 464778M akkuzat talli:

- B'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, inkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Talli matul ix-xahar ta’ Frar 2010 u xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il- Gzejjer;

(i) bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna u cioè lil Blanch Cassar, akkuza lil din il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, fil-waqt li kont taf li din il-persuna hija innocenti;

(ii) ghamel denunzja lill-Pulizija Esekuttiva ta’ reat li kont taf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt tracci ta’ reat b’mod li setghu nbdew proceduri kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar;

(iii) gab ruhu b’mod li tghajt fastidju lil Blanch Cassar, b’mod li kien jaf, jew li kien missu jkun jaf li b’eghmilu kont ta’ fastidju lill-istess persuna msemmija

(iv) bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioè lil Blanch Cassar biza’ li ser issir vjolenza fuq persunitha jew lil propjeta’ taghha;

(v) uza xi sistema jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie pprovdut, jew naqas milli josserva dawn l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekominikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew;

(vi) ingurja u/jew heddidt lil Blanch Cassar bil-kliem.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u dokumenti;

Ikkonsidrat:

Mill-provi u d-dokumenti esebiti in atti l-imputazzjonijiet jirrisultaw kollha, wkoll ghal dik kontravenzjonali li però

tista’ tigi assorbita u fil- fatt hekk qed tigi mal-bqija tal-akkuzi li ikoll huma delitti.

Issib ghalhekk l-imputat hati kif intqal cioè tal-akkuzi kollha bl-offiza kontrevenzjnali assorbita.

Rat l-Artikolu 18, 101(b), 110(2), 251A (1) (a)(b), 251B (1) u 17 tal-Kap 9, wkoll l-Artikolu 39(d) tal-Kap 339.

Tiddeciedi:

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 9 tilliberah ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum.

Tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 412(c) tal-Kap 9 principalment ghall-protezzjoni u s-sigurta’ tal-persuna leza minn kull fastidju u imgieba li tipprokuralha biza, b’hekk li tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-imputat liema ordni ghandu jibqa’ isehh ghall-tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------